MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 759/2000/1

**Andrew Zammit**

**vs**
**John Schembri**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni datata t-18 t'April, 2000, li permezz taghha l-attur sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi l-attur dahal fi ftehim ta' xiri ta' lancja, ossia *speed boat*, minghand il-konvenut ghall-prezz ta' sebat elef Lira Maltin, (LM7,000.00), ghal liema ghamel depozitu ta' mitejn u sebghin Lira Maltin, (LM270.00);
1.2 Illi l-konvenut ipprezenta ruhu f'dan il-ftehim bhala komproprjetarju u rapprezentant ta' hutu il-komproprjetarji l-ohra;

1.3 Illi l-bejgh fuq indikat kien suggett ghall-patt li l-attur ikollu d-dritt li johrog il-lancja fuq il-bahar biex jippruvaha – liema patt kien ta' natura sospensiva;

1.4 Illi l-attur ghamel spejjez ingenti fir-riparazzjoni tal-lancja u fl-allestiment taghha ghall-bahar, konsistenti fi:

1.4.1. Spejjez ta' sostituzzjoni ta' partijiet imsadda jew qodma;

1.4.2. Spejjez ta' riparazzjoni u manutenzjoni;

1.4.3. Spejjez ta' kiri ta' *garage* f' "*boat yard*" sakemm tlestiet il-lancja;

1.4.4. Spejjez ta' petrol u zejt biex ihaddimha;

1.5. Illi meta l-attur hareg il-lancja l-bahar din zviluppat hsara fil-magna u dan, minhabba difett latenti fl-istess magna, u kienet tinnecessita` spejjez ulterjuri ingenti biex tissewwa;

1.6. Illi l-konvenut wieghed li jsewwi l-hsarat riskontrati a spejjez tieghu u ha lura l-lancja in dizamina li ghadha fil-pussess tieghu;

1.7. Illi rrizulta li l-lancja kienet registrata f'isem terza persuna;

1.8. Illi rrizulta wkoll li l-konvenut Schembri ma kellux il-kunsens ta' huh biex jidhol fil-ftehim fuq indikat f'isimhom (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1) aktar qabel), u fil-fatt naqsu li jirratifikaw l-istess ftehim billi ma iffirmawx l-iskrittura redatta ghal dan l-iskop minn Nutar Dottor Victor J. Bisazza;

1.9. Illi stante li l-lancja ghadha fil-pussess tal-konvenut dan ghandu jgawdi l-benefikati maghmula mill-attur fl-istess lancja;

1.10. Illi l-attur u l-familjari tieghu investew hafna zmien fir-riparazzjoni tal-lancja, liema zmien jittraduci ruhu f’telf ta’ lucrum;

1.11. Illi ghaldaqstant aderixxa ruhu lil din il-qorti biex il-konvenut ikollu l-opportunita` jwiegeb u jghid ghaliex din il-qorti m’ghandhiex:

1.11.1. Tiddikjara u tiddeciedi li xxolji, tirrexxindi u tannulla l-ftehim konkluz bejn il-partijiet rigward il-bejgh tal-lancja *de quo*;

1.11.2. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi s-somma ta’ mitejn u sebghin Lira Maltin, (LM270.00), depozitata mieghu mill-attur;

1.11.3. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur;

1.11.4. Tillikwida l-istess danni okkorrendo permezz ta’ periti nominandi;

1.11.5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata;

1.11.6. Bl-ispejjez u b’rizerva ta’ kull azzjoni ohra;

2.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata s-16 ta’ Gunju, 2000, li permezz taghha l-konvenut sintetikament eccepixxa s-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;

2.2. Illi qatt m’ezistiet relazzjoni bejn il-kontendenti;

2.3. Illi qatt ma sar l-ebda negozju jew tentattiv ta’ negozju bejn il-partijiet;

2.4. Illi *di piu`*, il-konvenut wahdu mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk il-gudizzju mhux integru;

2.5. Illi din il-qorti hi inkompetenti *ratione valoris*;

2.6. Illi l-vertenza odjerna hi kwistjoni limitata biss bejn il-konvenut u hutu Audrey Ann mart Joseph Sciberras u l-minuri Noel, ahwa Schembri, u Justin Zammit iben l-attur, li lilu bieghuha;

2.7. Illi l-*ispeed boat* hi proprjeta` ta' l-ahwa Schembri;

2.8. Illi l-ewwel talba attrici hi superfluwa u vessatorja, (ara paragrafu wiehed punt hdax punt wiehed, (1.11.1.), aktar qabel), u hi intiza biss biex tkabbar l-ispejjez stante li kwalsiasi ftehim verbali li kien hemm kien gie terminat mill-kontendenti salv id-dritt ta' iben l-attur li jiehu lura d-depozitu minnu mhallas akkont u salv id-dritt tal-eccipjenti u ta' hutu li jirriklamaw id-danni ngenti kkawzati minn iben l-attur Justin Zammit u mill-istess attur f'wahda mill-magni tal-istess *speed boat*;

2.9. Illi fi kwalunkwe kaz il-bejgh ta' "vapur" irid isir skont il-formalitajiet u modalitajiet preskritti mill-ligi;

2.10. Illi din il-qorti m'ghandha l-ebda kompetenza jew awtorita` ixxolji, tirrexxindi u tannulla dak li ma sarx u/jew dak li ma sarx skont il-ligi;

3.0. Rat il-kontro-talba tal-konvenut datata wkoll is-16 ta' Gunju, 2000, li permezz taghha espona sintetikament is-segwenti:

3.1. Illi l-konvenut Schembri f'ismu u bhala mandatarju ta' hutu fuq indikati, (ara paragrafu tnejn punt sitta, (2.6), aktar qabel), kien dahal fi trattattivi biex ibiegh *speed bo*at uzata lil Justin Zammit ghall-prezz fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel), liema trattattivi kienu kondotti mill-konvenut ma' missier Justin fuq riferit;

3.2. Illi l-bejgh *de quo* kien suggett ghall-kondizzjoni sospensiva li l-*ispeed boat* tigi ppruvata fil-bahar u li toghgob lil Justin Zammit wara li jsirulha xi tiswijiet minuri li dwarhom kellhom jifitehmu;

3.3. Illi l-ispiza minnu prevista kellha tinqasam bejn il-konvenut u Justin Zammit kif pattwit;

3.4. Illi wara li kienu finalizzati t-tiswijiet minuri l-*ispeed boat* kellha tigi ppruvata l-bahar mill-kumpratur u l-konvenut;

3.5. Illi hadd mill-partijiet ma kellu jipprovha wahdu kif fil-fatt sar mill-attur u ibnu;

3.6. Illi l-uniku spejjez li l-kontendenti kienu tkellmu fuqhom kienu ta' entita` zghira, l-aktar fis-sistema elettrika ghaliex wahda mill-magni ma kinitx qed tahdem tajjeb;

3.7. Illi dawn l-ispejjez kellhom jigu sopportati b'mod ugwali mill-vendituri u mill-kompratur;

3.8. Illi kien hemm xi spejjez ohra zghar involuti biex tithaddem il-magna;

3.9. Illi oltre s-suespost, ma kien hemm l-ebda difetti ohra kif dikjarat anke minn mekkanik ta' fiducja tal-kompratur;

3.10. Illi pero` in-negozju sfratta;

3.11. Illi l-ispejjez konnessi mal-uzu tal-garaxx huma dovuti mill-ghagla tal-kompratur biex jibda x-xoghol a spejjez u gosti tieghu;

3.12. Illi mhux kontestat li llum wahda mill-magni ghandha hsarat ingenti li saret biss wara li l-kompratur hareg l-*ispeed boat* fuq il-bahar minghajr il-kunsens u l-awtorizzazjoni tal-konvenut;

3.13. Illi l-hsara *de quo* saret unikament tort u htija tan-nuqqasijiet u l-imperizja ta’ min saq l-istess *speed boat* fuq il-bahar;

3.14. Illi meta l-konvenut induna b’din il-hsara, talab l-*ispeed boat* lura u hadha l-garaxx tieghu biex jezaminaha aktar fid-dettal u jistabbilixxi l-kawza tal-istess;

3.15. Illi l-konvenut mhux jgawdi l-ebda benefikat stante li qieghed biss isofri l-hsarat ingenti li gew riskontrati;

3.16. Illi l-mekkanik tal-attur kien informa lill-attur quddiem l-istess konvenut li dan kien ikkaguna madwar sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00), spejjez fl-imsemmija *speed boat*;

3.17. Illi ghalhekk jghid l-attur rikonvenzjonat ghaliex din il-qorti m’ghandhiex:

3.16.1. Tiddikjara li l-magna tal-lemin tal-*ispeed boat de quo* sofriet danni ingenti b’tort u htija tal-attur rikonvenzjonat meta intuzat minnu u/jew kienet taht il-kontroll tieghu;

3.16.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonanti okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3.16.3. Tillikwida d-danni *in linea* ta’ deprezzament u *loss of use*, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3.16.4. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenut rikonvenzjonant id-danni hekk likwidati;

3.16.5. Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-attur rikonvenzjonat;

4.0. Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat datata s-27 ta’ Gunju, 2000, li permezz taghha sintetikament eccepixxa s-segwenti:

4.1. Illi t-talbiet rikonvenzjonanti huma infondati;

4.2. Illi la l-konvenut isostni li agixxa mhux biss f'ismu izda wkoll bhala mandatarju ta' hutu, allura d-danni minnu allegati gew ukoll sofferti mill-ahwa Schembri kollha;

4.3. Illi ghalhekk kellu jaghzel bejn:

4.3.1. Li jagixxi rikonvenzjonalment ghal sehemu biss mid-danni allegatament sofferti; jew

4.3.2. Li jesperixxi kawza flimkien ma' hutu – li ma tistax tigi esperita rikonvenzjonalment;

4.4. Illi t-talbiet rikonvenzjonali ma jsegwux il-premessi li fuqhom suppost jistriehu u ghalhekk, l-azzjoni rikonvenzjonali ma tistax tirnexxi;

4.5. Illi kull darba li l-attur rikonvenzjonant hareg l-*ispeed boat* hu ghamel dan bil-kunsens tal-konvenut rikonvenzjonanti;

4.6. Illi d-danni fil-magna sehhew imhabba danni latenti rizultat ta' nuqqas ta' uzu u thaddim tal-magna;

4.7. Illi d-danni riskontrati m'humiex daqshekk ingenti daqs kemm qed jigi allegat;

4.8. Illi l-konvenut rikonvenzjonant ma ddikjarax liema huma l-fatti minnu dikjarati li jaf bihom personalment;

4.9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

5.0. Rat id-dgriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-8 ta' Jannar, 2001, li permezz tieghu iddekretat li in vista tal-eccezzjonijiet dwar:

5.1. Ir-relazzjoni guridika; u

5.2. Il-legittimu kontradittur;

il-kawza giet differita biex jinstemghu l-provi kollha tal-konvenut dwar dawn l-istess eccezzjonijiet, (ara fol 30);

6. Rat id-digriet tal-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti datat it-13 ta' Novembru, 2001, li permezz tieghu issa ddekretat li l-eccezzjonijiet preliminari jigu decizi flimkien mal-meritu, (ara fol 40);

7. Rat id-digriet tal-istess qorti ndikata fiz-zewg paragrafi precedenti datata l-31 ta' Mejju, 2005, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tal-konvenut datata l-24 ta' Frar, 2005, (ara fol 97) appuntat espert tekniku u iehor legali biex jezamina l-magna tal-*ispeed boat* in dizamina, (ara fol 101), u jirrelataw fir-rigward;

8. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-13 ta' Novembru, 2007, li permezz tieghu iddispensat lill-perit legali mill-inkarigu tieghu, (ara fol 114);

9. Rat id-digriet ulterjuri tal-istess qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat l-24 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu irrevokat ukoll l-inkarigu tal-espert tekniku nominat, (ara fol 121);

10. Rat id-digriet tal-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti datat is-7 ta' Lulju, 2009, li permezz tieghu issa ordnat li l-istess espert tekniku jisma' l-provi kollha tal-konvenut, (ar afol 132);

11. Rat id-digriet tal-istess qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat it-13 ta' Jannar, 2010, li permezz tieghu, fuq talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tal-konvenut, issostitwiet lill-espert tekniku b'iehor li kien moghti l-istess fakultajiet, (ara fol 136);

12. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-konvenut datat it-12 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu informa lill-qorti li l-meritu tal-vertenza odjerna inbiegh u ghalhekk hu impossibbli ghall-espert tekniku li jespleta l-inkarigu lilu moghti, (ara fol 142);

13. Illi in vista ta' dak premess fil-paragrafu precedenti, il-qorti kif issa preseduta, irrevokat in-nomina tal-perit tekniku fuq riferit, (ara fol 142);

14. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-23 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu iddikajra li m'ghadx hemm interess u htiega li jigu nominati periti, (ara fol 151);

15. Rat id-digriet taghha datat is-16 t' Ottubru, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet jitrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 154), u l-estensjoni fir-rigward, (ara fol 155);

16. Tirrileva li nonostante din l-opportunita` moghtija lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet hadd minnhom ma indenja ruhu jottempora ruhu ma' dan l-obbligu minnhom assunt lejn il-qorti u lejn il-klijenti taghhom;

17. Tirrileva li lanqas indenjaw ruhhom jitrattaw il-kaz orlament kif mistenni;

18. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluz l-affidavidijiet prodotti mill-parijiet u x-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Ikkonsidrat:

19. Illi nonostante d-dilungar kollu kkonstatat f'din il-procedura l-oggett meritu taghha u li fuqha l-vertenza kollha hi pendenti qatt ma gie ezaminat oggettivament;

20. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li hemm element essenzjali nieqes fl-ezami ta' din il-vertenza li jirrendi dawn l-isforzi kollha procedurali riskontrati kollha inutili u infruttiferi;

21. Illi z-zewg kontendenti jishqu fuq l-element risolutorju koncernanti wahda mill-magni tal-*ispeed boat* in dizamina, senjatament :

21.1. L-attur isostni li l-magna in dizamina kellha difetti latanti;

21.2. Il-konvenut isostni li in effetti l-hsarat fil-magna *de quo* iggarrbu meta l-*ispeed boat* inharget fuq il-bahar minghajr l-awtorizzazjoni u l-prezenza tal-konvenut;

22. Illi kienet x'kienet ir-raguni, hadd mill-partijiet ma irnexxielu jipprova l-allegazzjoni tieghu stante li l-*ispeed boat* qatt ma giet debitament ezaminata fil-mori ta' din il-procedura;

23. Illi konsegwentement l-allegazzjonijiet sollevati mill-partijiet qatt ma setghu jikristallizzaw f'xi haga ohra u baqghu ghalhekk allegazzjonijiet biss;

24. Illi ghalhekk din il-procedura ma ssarraf f'xejn hlief f'hela ta' hin u ta' flus lil kull min hu involut stante li l-partijiet lanqas indenjaw ruhhom jindirizzaw l-aspett principali tal-vertenza – senjatament l-ezami tekniku tal-oggett meritu tal-kawza;

**DECIDE:**

25. Ghaldaqstant, in vista tal-premess hadd mill-kontendenti ma rnexxielu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu skont il-ligi u konsegwentement tirrespingi t-talbiet tal-attur u tal-konvenut rikonvenzjonanti flimkien mar-risposti tal-konvenut rikonvenzjonanti u tal-attur rikonvenzjonat, b'kull parti tkun responsabbli ghall-ispejjez minnha riskontrati.

____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------